MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 947/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**VS**

**LORETO BUTTIGIEG, bin il-mejjet Emanuel u Giswarda mitwielda Bonello, imwieled Ghajnsielem (Ghawdex) fl-1 ta' Ottubru 1960 u joqghod 66, Triq Dun Alwig Mizzi, Gharb, li ghandu n-numru tal-karta ta'l-identita'57160(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat gie akkuzat :

1. talli fit-18 ta' Settembru 2008 ghal habta ta' nofs in-nhar waqt li kien fuq il-moll tac-Cirkewwa, bil-hsieb li jaghmel offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC555

Fabio Schembri, wera dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi saq vettura cioe’ trakk li igib in-numru DBC 742 fuq l-imsemmi kuntistabbli meta dan kellu idejh maqbuda bejn il-bieba ta’l-istess vettura, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq l-imsemmi kuntistabbli, liema pesuna hija inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi.

3. U aktar talli volontarjament ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’l-istess kuntistabbli u dana skond ma kif iccertifika t-Tabib Dr. Owen Mifsud tal-Mosta.

4. U aktar talli saq l-imsemmija ventura b’manjiera traskurata u perikoluza ghal terzi persuni u talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva u talli kiser il-buon ordni b’ghajjat u glied u talli qal kliem ta’ dagha fahxi.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-30 ta’ Settembru 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat

Illi l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront ta’l-imputat hija dik ta’l-attentat ta’l-offiza gravi fuq il-persuna tal-kuntistabbli 555 Fabio Schembri. Illi dwar il-fatti ma jidhirx illi hemm wisq konfliggenza bejn il-partijiet. Huwa l-*mens rea* ta’l-imputat fil-kummissjoni ta’l-azzjonijiet tieghu illi hija kontestata. Illi fil-gurnata in kwistjoni, l-imputat kien jinsab il-moll tac-Cirkewwa, jistenna sabiex jirkeb il-vapur lejn

Ghawdex. Huwa isostni illi t-trakk li kien qieghed isuq kellu xi hsara fih u ghalhekk meta wasal mar-rampa tal-vapur u gie dirett sabiex jitla fuq l-ixkaffa ta'l-istess vapur, huwa irrifjuta jaghmel dana minhabba illi ighid illi t-trakk tieghu kellu din il-hsara. Minhabba dana ir-rifjut kif ukoll minhabba l-fatt illi huwa kien *qieghed* jostakola il-vetturi l-ohra milli jitilghu fuq il-vapur, l-impjegati tal-Gozo Channel li kienu prezenti sejhu lill-pulizija ghall-ghajnuna. Wasal fuq il-post il-kuntistabbli 555 Fabio Schembri li tgha ordni lill-imputat sabiex jitla' fuq il-vapur. L-imputat xorta wahda baqa' jirrifjuta u beda ighid lill-istess pulizija li ma riedx jaghmel dana minhabba illi t-trakk tieghu kellu xi hsara. F'dana il-hin, il-kuntistabbli kien qed iserrah idejh mat-tieqa tal-karozza, izda l-imputat startja il-vettura u saq bil-konsegwenza li laqat lill-kuntistabbli f'saqajh. Meta il-kuntistabbli ipprova jehodlu ic-cavetta mill-ignition sabiex ma jkomplix isuq, u fetah il-bieba tat-trakk, l-imputat rega' sabbatha u ghamel dana ghal tlett darbiet. Kull darba l-kuntistabbli jipprova jiftah il-bieba u hu jerga' jaghlaqha bil-konsegwenza illi l-kuntistabbli sofra ukoll xi feriti fuq idejh. Ghalhekk Schembri cempel surgent tal-pulizija li kien stazzjonat mobile squad, li wasal fuq il-post, u arresta lill-imputat.

Illi ma hemmx dubju illi il-kuntistabbli Schembri sofra griehi f'dana l-incident, liema griehi gew ikklasifikati bhala ta' natura hafifa mit-Tabib Owen Mifsud.[1] Ma hemmx dubju ukoll illi l-kuntistabbli kien qieghed jadqi d-dmir tieghu meta avvicina lill-imputat u kien qieghed ghalhekk jagixxi in esekuzzjoni tal-ligi. Illi il-imputat irrifjuta jobdi l-ordnijiet kemm tal-kuntistabbli 555, kif ukoll tal-Kaptan tal-Gozo Channel u dana ghaliex ma riedx akkost ta' kollox jitla' fuq l-ixkaffa tal-vapur. Huwa beda jinqeda bl-iskuza illi t-trukk tieghu kien bil-hsara. Illi ghalkemm l-imputat ressaq xi xhieda sabiex jipprova dina l-allegazzjoni tieghu,[2] dina l-Qorti ma temminx wisq illi kienet minhabba f'dina r-raguni illi l-imputat irrifjuta jitla fuq l-ixkaffa tal-vapur. Fl-ewwel lok mill-provi migjuba f'dina l-kawza jirrizulta illi l-imputat spiss kien johloq dina l-problema meta jigi biex jirkeb fuq l-

[1] Ara xhieda a fol.34 u certifikat mediku esebiet.
[2] Ara xhieda ta' PC1053 Michael Falzon u ta' Paul Buttigieg a fol.39 u 42

ixkaffa tal-vapur[3]. Inoltre ma hemmx dubbju illi l-imputat saq it-trakk tieghu sac-Cirkewwa, saq fil-queue sakemm wasal hdejn il-vapur u kien lest isuq ghal fuq il-vapur bit-trakk tieghu purche' mhux fuq l-ixkaffa ta'l-istess vapur.

A. **L-akkuza dwar l-offiza gravi fuq il-persuna.**

Illi kif diga inghad iktar 'il fuq l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi. Illi sabiex jissusti ir-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. ***"Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).***

Il-Qorti tosserva illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat, huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: **"*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*." (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*.**"

[3] Ara xhieda ta' Emanuel Cuschierei a fol.25 u okkorenza Dok PB a fol.15 et.seq

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubbblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet: **"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz."**

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: ***"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."***

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx tgha bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

**"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."**

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

"**So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the**

**consummation of that crime, the act is not an act of execution."**

Ghalhekk qabel xejn irid jigi stabbilit jekk fil-mument illi l-imputat saq il-vettura tieghu meta l-kuntitsabbli kellu idejh gewwa il-vettura, huwa kellux dina l-intenzjoni li jikkaguna xi hsara fuq il-persuna tieghu u cioe' jekk dina kenitx tikkostitwixxi xi att preparatorju li iwassal ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. Illi mill-provi akkwizti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-imputat kellu intenzjoni wahda u cioe' illi ma itellax il-vettura tieghu fuq l-ixkaffa tal-vapur. Illi ghalhekk meta il-kuntistabbli Schembri ipprova izommu milli jaghmel dana, huwa xortawahda ried jaghmel dana billi juza l-forza. Fl-ebda hin ma jidher illi huwa ried jaghmel xi offiza gravi fuq il-kuntistabbli. Ghall-inqas mill-provi dina l-intenzjoni ma tohrog minn imkien. Ma hemm l-ebda prova li tindika illi dina l-azzjoni esterjuri maghmula mill-imputat kienet diretta sabiex twassal ghal xi hsara fuq il-persuna tal-kuntistabbli Schembri. Kwindi dina l-akkuza certament ma tirrizultax mill-atti processwali.

**B. L-akkuza ai termini ta'l-artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dan ir-reat jikkontempla reat kommess kontra ufficjal pubbliku, Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. L-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghti skond illigi minn xi awtorita kompetenti. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002) fejn gie deciz:

"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"…., izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku **"tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".**

Illi ma hemmx dubbju illi l-PC555 Fabio Schembri huwa ufficjal pubbliku peress illi huwa membru fil-korp tal-pulizija. Dana il-fatt ma huwiex kontestat. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi huwa kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu meta gie imsejjah mir-rapprezentanti tal-kumpanija Gozo Channel ghall-assistenza minhabba l-imgieba ta'l-imputat. Illi huwa kien qieghed jagixxi sabiex jezegwixxi ordni specifika li giet moghtija dak il-hin mill-awtoritajiet tal-Gozo Channel sabiex l-imputat jitla bil-vettura tieghu fuq l-ixkaffa tal-vapur, haga li l-imputat irrifjuta li jaghmel tant illi bl-agir tieghu kien qieghed izomm lill-passiggieri l-ohra milli jirkbu fuq il-vapur. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputat offra resistenza ghal dana kollu tant illi ipprova isuq u jitlaq minn that l-awtorita tal-pulizija. Dana ghamlu bi vjolenza tant illi l-kuntitsabbli Schembri spicca sofra girehi kif iccertifikat mit-tabib Mifsud. Dana meta kif diga inghad saq il-vettura tieghu tant illi laqat lill-kuntistabbli f'saqajh, imbaghad ghalaq il-bieba tal-vettura tieghu fuq idejn il-kuntistabbli u dana ghal tlett darbiet sabiex izommu milli jehodlu ic-cwievet tal-vettura. Illi ghalhekk dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata, kif ghalhekk tirrizulta ippruvata ukoll l-akkuza l-ohra ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Schembri.

Illi l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat tinkorpora fiha mhux inqas minn erba reati li tlieta minnhom huma ta' natura kontravvenzjonali.

**L-akkuzi previsti fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-imputat huwa qabel xejn akkuzat illi saq il-vettura tieghu b'manjiera traskurata u perikoluza.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta'l-Appelli kriminali fil-kawza flismijiet Il-Pulizija vs Mario Gellel deciza fid-19 ta' Frar 2004 :
" … kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta, jekk sewqan hux (i) negligenti jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree', u kif jidhru wara xulxin huma l-iskala tas-serjeta' taghhom. Gie ukoll ritenut li biex

jintegra ruhu r-reat ta’ sewqan perikoluz, hemm bzonn ta’ certu grad ta’ ‘recklessness’. ‘Recklessness’ giet definit bhala ‘wilfully shutting one’s eye’. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.”

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi meta l-imputat qabad u saq il-vettura tieghu meta kien ghad hemm il-kuntistabbli jistrieh mat-tieqa tal-vettura huwa kien qed ikun kif inghad fis-sentenza hawn fuq indikata “reckless”. F’dana il-mument ma kienx qed jiehu kont tal-fatt illi l-persuna tal-kuntistabbli kienet tant vicin il-vettura tieghu illi huwa seta jolqtu, kif seta’ jolqot ukoll in-nies li kien hemm fuq il-moll f’dak il-mument. Illi l-imputat isostni fl-istqarrija tieghu[4] illi huwa ghamel dana sabiex juri lill-kuntistabbli illi kien minnu illi l-vettura tieghu kien fiha il-hsara kif kien qed ighidlu. Il-Qorti ftit li xejn temmen lill-imputat ghaliex jidher car illi huwa ried jahrab minn idejn il-kuntistabbli u jaghmel ta’ rasu. Illi ghalhekk dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi dwar ir-reati ta’ natura kontravvenzjonali, irrizulta illi l-imputat ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija kif diga inghad iktar ‘il fuq. Jidher ukoll illi huwa beda ighajjat u jaghmel hafna strobju u anke beda ighid xi kliem konsistenti f’dagha. Dana kollu jirrizulta mir-rapport ta’ PS419 Anton Buttigieg kif ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti.[5]

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi dina mhijiex l-ewwel darba illi l-imputat qala’ l-inkwiet hdejn il-moll tal-vapur ghal Ghawdex. Madanakollu l-fedina penali tieghu mhijiex xi wahda allarmanti u l-Qorti ma tqiesx illi piena karcerarja effettiva hija idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 221, 338(bb),(dd),(ee), u 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’

[4] Dokument PB1 a fol.11
[5] Ara Dokument AB u xhieda tas-surgent a fol.29 et. Seq.

Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum, kif ukoll ghal multa ta’ mitt ewro (€100).

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment b’applikazzjoni ta’l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qed tordna illi l-imputat jigi skwalifikat milli ikollu licenzja tas-sewqan u dana ghal zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------